**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chantelle Casha]**
**[Spettur Hubert Cini]**
**vs**
**Emanuel Barbara**

**Kumpilazzjoni Numru: 379/17**

**Illum, 13 ta' Mejju, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Emanuel Barbara detentur tal-karta tal-identita` numru 44769M akkuzat talli nhar is-06 ta' Settembru 2017 ghall-habta tal-11:45Hrs u / jew hinijiet qabel jew wara gewwa r-residenza 83B, Triq tal-Borg, Paola u /jew f'dawn il-gzejjer;

- ikkaguna biza fuq il-persuna ta' Susan Barabara li ser tintuza vjolenza kontrija jew kontra il-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi had mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

- U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkustanzi ghamel lil Susan Barabara injurji jew theddid u jekk kien provokat hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

- U aktar talli kiser il-bon ordni u il-kwiet publiku b'ghajjat storbju u glied

- U aktar talli bejn 31 ta' Awissu 2017 u 02 ta' Settembru 2017 f'xi hinijiet minn gewwa ir-residenza 89, Triq tal-Borg, Rahal il-Gdid u/jew f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' ogetti li il-valur taghhom jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu ghad-detriment ta' Marietta Perini minn Rahal il-Gdid u jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, il-mezz u il-hin.

- u aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkustanzi bi hsara tas-sid, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band ohra f'da il-kodici ghad-detriment ta' detriment ta' Marietta Perini u jew persuni ohra

- U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkustanzi laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruq, mehuda b'qerq jew

akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn malta jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom

Il-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Susan Barabara u jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-qorti.

Il-Qorti tista' jekk jidhrilha xieraq, minhabba f'ragunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza Susan Barabara jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.

Il-Qorti giet mitluba biex tittratta mal-imputat bhala wiehed li rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defennitivi u ma jistawx jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, torbot lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ra; l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet il-provi kollha inkluz dawk tal-parte civile Susan Barbara li fix-xhieda taghha datata tmintax (18) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017) hija ddikjarat li ma rieditx tixhed fil-konfront tal-imputat u li kienet qed tirrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli;

Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler li gie nominat minn din il-Qorti sabiex ihejji *Pre Sentencing Report* (Dok. MFS1) wara li l-imputat rregistra ammissjoni libera w' inkondizzjonata ghar-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu;

Rat il-konkluzjonijiet tal-ufficcjal tal-Probation Matthew Fleri Soleri fejn huwa kkonkluda is-segwenti:

*« Konkluzjonijiet*

- ***Fatturi identifikati***

- *Emanuel Barbara huwa akkuzat talli fis-6 ta' Settembru 2017 huwa hedded u kkaguna biza' fuq il-persuna ta' Susan Barbara li kienet ser tintuza vjolenza kontriha. Minbarra dan, Barbara huwa akkuzat ukoll b'serq u ricettazzjoni u li rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

- *It-trobbija ta' Barbara ma kinitx wahda felici. Ghalkemm ommu ghamlet l-almu taghha, il-figura paterna kienet nieqsa u ghaldaqstant zviluppaw diversi problemi konsegwenza t'hekk. L-abbuz tal-alkohol u droga jidher illi kienu konsegwenza ta' dan il-fatt, minbarra r-rabja li huwa ghandu ghal missieru minkejja li llum mejjet.*

- *Emanuel Barbara huwa missier ta' hamest itfal. Minkejja li llum il-gurnata huwa sseparat minn martu Susan Barbara, huwa ghandu relazzjoni decenti maghha. Jidher li t-tfal joffrulu qafas ta' sapport u mill-intervista li saret ma' bintu Donnalise Barbara, jirrizulta illi min-naha taghha jezistu pjanijiet sabiex tghin lill-imputat jintegra ruhu lura fis-socjeta' mill-aktar fis. Madanakollu, jezistu dubji dwar jekk hemmx pjan konkret rigward akkomodazzjoni.*

- *Sar kuntatt ma' wahda mill-vittmi, is-Sinjura Susan Barbara li hija l-ex mara tal-imputat. Filwaqt li Susan Barbara spjegat x'wassal lil Emanuel jheddidha, sostniet ukoll li l-ex zewgha jehtieglu jahdem fuq l-aspetti tal-abbuz ta' sustanzi. Ziedet ukoll illi hija ma tixtieqx illi jkollha kuntatt ma' emanuel meta eventwalment johrog mill-habs.*

- *Ghalkemm f'din l-ahhar sena li ilu taht arrest ir-rizultati tat-testijiet tal-urina rrizultaw fin-negattiv, xorta tinhass il-htiega li Barbara jahdem bis-shih sabiex huwa jzomm 'il boghod mill-vizzji tad-droga u tal-alkohol. Tul il-*

*perjodu tal-arrest, Barbara kien segwit minn social worker tas-Sedqa sabiex toffrilu sapport f'dan ir-rigward.*

- *Skont ir-records tal-agenzija Jobsplus, Barbara ilu mpjegat mal-works division sa mill-1986. Skont Barbara, huwa jinsab sospiz mix-xoghol u mistenni jkun ri-integrat meta johrog mill-habs.*

- *Harsa lejn il-fedina penali ta' Barbara turi li huwa xellef difrejh mal-ligi diversi drabi, Fost reati li huwa nstab hati li wettaq, wiehed isib reati konnessi mal-kodici tas-sewqan, serq, kif ukoll pussess ta' droga. L-ahhar kaz imur lura ghall-2009.*

- ***Pjan ta' kura***

*Mill-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, tinhass il-htiega li jkun ifformulat pjan ta' kura li jinkludi tim ta' professjonisti multidixxiplinarju. Dan sabiex l-ikkoncernat ikollu sapport fuq livell emozzjonali, sostenn sabiex ikompli jahdem fuq il-vizzju tad-droga kif ukoll sabiex ikun hemm supervizjoni*

*adekwata fil-konfront tieghu hekk kif huwa jerga' jibda jintegra ruhu lura fis-socjeta'.*

***Rakkomanzazzjoni***

*Ghaldaqstant, in vista tal-fatti li l-imputat ilu madwar sena u nofs il-habs taht arrest, l-Ufficjal tal-Probation sottoskritt huwa tal-fehma li dan seta' serva ta' deterrent bizzejjed ghall-imputat. Ghal din ir-raguni u fid-dawl tal-fatt li tinhass il-htiega li Emanuel Barbara jkollu sens ta' gwida, qieghed ikun umilment issuggerit li huwa jitqieghed that Ordni ta' Probation ta' tliet snin filwaqt li annessa ma' din l-Ordni ikun hemm annessa Ordni ta' Trattament ta' tliet snin ukoll, sabiex jinghata l-ghajnuna li biha jkun jista' jahdem fuq il-vizzju tad-droga."*

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mar-rakomandazzjonijiet tal-ufficjal tal-Probation u gialadarba hareg illi huwa ser ikollu s-sapport tat-tifla tieghu sabiex jirrisjedi maghha, mhux ser jigu mposti d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b),(c),(f), 340 (d), 263 (a), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Emanuel Barbara hati tar-raba' (4), il-hames (5) akkuzi u stante li s-sitt (6) akkuza hija alternattiva ghar-raba' (4) akkuza tikkundannah ghall-perjodu ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin kif ukoll Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal tliet (3) snin ukoll, liema ordnijiet ghandhom jaghmlu parti integrali minn din is-sentenza. Il-Qorti qed tiddikjara Procediment Ezawrit ghall-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi stante rinunzja.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**